

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-28 ta' Settembru 2016 (talba għal deċizzjoni preliminari tat-Tribunale di Santa Maria Capua Vetere – l-Italja) – proċeduri kriminali kontra Angela Manzo

(Kawża C-542/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċizzjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Domandi preliminari identiċi — Artikoli 49 u 56 TFUE — Libertà ta' stabbiliment — Libertà li jiġu provduti servizzi — Logħob tal-ażżard — Restrizzjonijiet — Raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali — Proporzjonalità — Kuntratti pubbliċi — Kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'sejħa għal offerti u evalwazzjoni tal-kapaċità ekonomika u finanzjarja — Esklużjoni tal-offerent minħabba nuqqas ta' preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet tal-kapaċità ekonomika u finanzjarja tiegħu, maħruġa minn żewġ stabbilimenti bankarji distinti — Direttiva 2004/18/KE — Artikolu 47 — Applikabbiltà)

(2016/C 454/23)

Lingwa tal-proċedura: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Santa Maria Capua Vetere

Parti fil-proċeduri kriminali prinċipali

Angela Manzo

Dispożittiv

- 1) L-Artikoli 49 u 56 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li timponi fuq l-operaturi li jixtiequ jressqu offerta fil-kuntest ta' sejħa għall-offerti fir-rigward tal-ġhoti ta' konċessjonijiet fil-qasam tal-logħob u tal-imħatri l-obbligu li jipproduċu l-prova tal-kapaċità ekonomika u finanzjarja tagħhom permezz ta' dikjarazzjonijiet maħruġa minn tal-inqas żewġ stabbilimenti bankarji, mingħajr ma jiġi permess li din il-kapaċità tiġi stabbilita b'xi mod ieħor, peress li tali dispożizzjoni tista' tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' proporzjonalità stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.
- 2) Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-ġhoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi, b'mod partikolari l-Artikolu 47 tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola l-ġhoti ta' konċessjonijiet fil-qasam tal-logħob tal-ażżard, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 16, 18.1.2016.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-7 ta' Settembru 2016 – Lotte Co. Ltd vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-586/15) ⁽¹⁾

(Appell — Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Trade mark figurattiva li fiha element verbali bil-lingwa Ġappuniża u stampa ta' koala f'siġra li jżomm koala żgħir — Oppożizzjoni tal-proprietarju tat-trade marks nazzjonali tridimensjonali preċedenti KOALA-BÄREN u figurattiva preċedenti KOALA — Prova tal-użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Użu tat-trade mark taħt forma li hija differenti minħabba li l-elementi ma jbidlulx il-karattru distintiv — Il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1) u l-Artikolu 42(2)u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat)

(2016/C 454/24)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Lotte Co. Ltd (rappreżentanti: M. Knitter, avukat)